PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

25.6.2008

DOKUMENT TA' ĦIDMA

Evalwazzjoni u żvilupp fil-ġejjieni ta' l-Aġenzija FRONTEX u tas-Sistema Ewropea għas-Sorveljanza tal-Fruntieri EUROSUR

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Javier Moreno Sánchez

I. INTRODUZZJONI:

FRONTEX, maħluqa bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004, u operattiva minn Ottubru 2005, għandha l-għan li ttejjeb il-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri. Il-Programm ta' The Hague kien jipprevedi evalwazzjoni politika tal-FRONTEX qabel tmiem l-2007, li tinsab fil-komunikazzjoni COM(2008)67 finali tal-Kummissjoni.

II. EVALWAZZJONI 2005/2007

1. Il-prijorità fl-azzjoni tal-FRONTEX hija fil-qafas tal-**koordinazzjoni tal-koperazzjoni operattiva** bejn l-Istati Membri **fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni**.

   Fl-2006 u fl-2007, hija diġà wettqet 28 operazzjoni konġunta - 9 fil-fruntieri marittimi, 12 fil-fruntieri ta' l-art, 7 fil-fruntieri ta' l-ajru - li magħhom iridu jiżdiedu 10 proġetti pilota implimentati biex jikkumplimentaw lil dawn l-operazzjonijiet.

   Il-parteċipazzjoni ta' l-Istati Membri kienet tvarja: bħala medja, 7 Stati Membri ħadu sehem fl-operazzjonijiet fil-fruntieri marittimi, 9 fil-fruntieri ta' l-art u 11 fil-fruntieri ta' l-ajru. L-operazzjonijiet fil-fruntieri marittimi jimplikaw l-użu ta' tagħmir mobilizzat u għalhekk jiswew ħafna iktar - medjament EUR 2,7 miljun - mill-operazzjonijiet fil-fruntieri ta' l-art u ta' l-ajru (spejjeż rispettivament stmati għal EUR 83,000 u EUR 194,000).

   Madankollu, l-operazzjonijiet kollha joħolqu skambju vantaġġjuż ta' l-aħjar prattika u ta' informazzjoni kif ukoll l-intensifikazzjoni tal-koperazzjoni ta' kuljum bejn is-servizzi nazzjonali ta' kontroll tal-fruntieri : matul sentejn, 'il fuq minn 53,000 persuna inqabdu jew inżammu milli jidħlu fil-fruntieri, instabu iktar minn 2,900 dokument fals ta' l-ivvjaġġar, u ġew arrestati 58 persuna li jtellgħu l-klandestini magħhom biex iqabbżuhom il-fruntieri.

   Fost l-inizjattivi maġġuri l-oħra, wieħed għandu jinnota l-ħolqien tan-Netwerk Ewropew tal-Pattulji (Mejju 2007) li jaħdem fiz-zoni qrib il-kosta ta' l-Istati Membri kkonċernati, kif ukoll l-inventarju ċentrali tat-tagħmir tekniku disponibbli (CRATE) għal skopijiet ta' kontroll u ta' sorveljanza tal-fruntieri : huwa jinkludi attwalment id-dejta relatata ma' 'l fuq minn 100 dgħajsa, madwar 20 ajruplan u 25 elikotteru, bosta mijiet ta' tagħmir ta' kontroll (radars mobbli, vetturi, kameras termiċi u apparat ta' detezzjoni mobbli...), u jirrappreżenta inventarju ta' materjal li jista' wkoll jintuża għal operazzjonijiet konġunti.

   Fuq il-pjan strateġiku, l-esperjenza turi li l-koperazzjoni operattiva fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni klandestina fil-fruntieri marittimi tan-nofsinhar tikkostitwixxi prijorità assoluta. Problema : dan l-approċċ jikkostitwixxi l-iktar riżorsa għalja u dak li jeħtieġ l-użu ta' l-iktar riżorsi. FRONTEX għandha għad-dispożizzjoni tagħha baġit ta' EUR 70 miljun għall-2008, jiġifieri ammont ekwivalenti għal erbgħa u għoxrin operazzjoni fil-fruntieri marittimi.

***Mistoqsijiet** :*

- *għandna nitolbu li jinħolqu uffiċċji reġjonali speċjalizzati ta' l-Aġenzija fl-Istati Membri soġġetti għall-pressjoni kostanti ta' l-immigrazzjoni illegali? Kuntrarjament għal dan, għandna nissistematizzaw ir-rikors għal missjonijiet permanenti?*

- *għandna nqiegħdu fuq quddiem il-prinċipju tas-solidarjetà obbligatorja ta' l-Istati Membri biex ikun jista' jkun hemm disponibilità inkondizzjonata tat-tagħmir elenkat fi CRATE?*

2. FRONTEX tista' wkoll tagħti **appoġġ lill-Istati Membri li jkunu jinsabu f'sitwazzjoni li teħtieġ għajnuna operattiva u teknika msaħħa** u **l-użu ta' timijiet ta' intervenzjoni malajr fil-fruntieri.**

   Is-sistema RABIT, li daħlet fis-seħħ fl-20 ta' Awissu 2007, u ġiet approvata mill-Parlament Ewropew fl-ewwel qari, tipprevedi fil-fatt "kapaċità ta' reazzjoni malajr" bl-iskop li jingħataw riżorsi umani supplimentari lil kull Stat membru li jkun jinsab f'diffikultà. L-ammont ta' persuni li nġabar għall-intervenzjoni ta' malajr fil-fruntieri jammonta fil-fatt għal bejn 500 u 600 li jissorveljaw il-fruntieri, u twettaq eżerċizzju fil-ħarifa ta' l-2007.

   ***Mistoqsijiet** :*

   - *s'issa, l-ebda Stat Membru ma talab li jagħmel użu minn din ir-riżorsa: għaliex?*

   - *ikun utli li FRONTEX takkwiżixxi, bħala miżura preventiva, it-tagħmir tagħha stess - li jkun użat mit-timijiet ta' intervenzjoni malajr - sabiex tiggarantixxi d-disponibilità ta' dan it-tagħmir malajr kemm jista' jkun f'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza ?*

3. FRONTEX tiżviluppa **għajnuna lill-Istati Membri għat-taħriġ tas-sorveljaturi fil-fruntieri nazzjonali tagħhom,** inkluż **id-definizzjoni tar-regoli ta' taħriġ komuni.**

   Is-97 azzjoni fil-fruntieri ta' l-aġenzija FRONTEX kienu ta' benefiċċju għal 1341 persuna. Iżda : l-armonizzazzjoni tat-taħriġ tas-sorveljaturi tal-fruntieri madwar l-Ewropa kollha.

   ***Mistoqsija** : l-approċċ adottat kien ferm vantaġġjuż u jistħoqqlu li jiġi estiż fir-rispett ta' l-acquis ta' Schengen u f'koerenza miegħu. Iżda l-isforz ta' taħriġ m'għandux ikun ukoll relatat mat-taħriġ ta' l-istaff ta' pajjiżi terzi li jikkoperaw mal-FRONTEX?*

4. L-Aġenzija twettaq l-**analiżi tar-riskji** tagħha stess, li għandhom irwol kruċjali u trażversali fi ħdan l-attivitajiet tagħha : għalhekk, fil-qafas tat-tieni evalwazzjoni annwali (Frar 2007), hija kkontribwixxiet fit-tfassil ta' rapport ta' evalwazzjoni tat-theddida rrappreżentata mill-kriminalità organizzata (*OCTA*) u, b'kollaborazzjoni ma' l-Europol, tar-rapport dwar l-itinerarji b'riskju għoli li tagħżel l-immigrazzjoni illegali fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent.

Għalhekk, FRONTEX ikkonnettjat ruħha fl-2007 man-*Netwerk ICONet* - li jippermetti sa mill-2006 lis-servizzi kkonċernati li jagħmlu skambju ta' informazzjoni dwar il-flussi migratorji illegali - biex isir skambju ta' informazzjoni ma' l-Istati Membri rigward l-analiżi tar-riskji, it-tħejjija ta' operazzjonijiet konġunti u r-ritorni ; hija tipparteċipa wkoll fil-laqgħat taċ-CIREFI (Ċentru ta' Informazzjoni, Diskussjoni u Skambju dwar il-Qsim tal-Fruntieri u l-Immigrazzjoni). Għandhom jitwettqu sinerġiji u ekonomiji ta' skala evidenti bejn l-attivitajiet imwettqa miċ-CIREFI, mill-*ICONet* u mill-Aġenzija.

Mistoqsija : għandna nqisu li nattribwixxu lill-FRONTEX kemm il-ġestjoni ta' l-*ICONet* kif ukoll l-issoktar ta' l-attivitajiet taċ-CIREFI?

5. **L-Aġenzija tinvolvi ruħha fil-qasam tar-riċerka fl-oqsma kollha li jikkonċernaw il-kontroll u s-sorveljanza tal-fruntieri esterni.**

Din il-viġilanza diġà tat lok għall-organizzazzjoni ta' 6 proġetti u ta' 7 workshops/seminars dwar ir-riċerka u l-iżvilupp, filwaqt li kkontribwixxiet fit-tfassil u d-determinazzjoni tas-sistema ta' dħul/ħruġ (fost l-oħrajn *BIOPASS*) u tas-sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri ; iżda fuq kollox, l-Aġenzija tipparteċipa b'mod attiv fix-xogħol tal-*Forum Ewropew tar-Riċerka u l-Innovazzjoni fil-qasam tas-sigurtà* (ESRIF) il-ġdid, li fil-kuntest tiegħu ġie stabbilit grupp ta' ħidma differenti inkarigat mis-sigurtà tal-fruntieri.

***Mistoqsija** : kif għandna naħdmu sabiex il-bżonnijiet konkreti tas-servizzi responsabbli mill-kontrolli fil-fruntieri jittieħed speċifikament kont tagħhom fl-attivtajiet ta' riċerka?*

6. Fl-aħħarnett, lil hinn mill-operazzjonijiet ta' kontroll u ta' sorveljanza, l-Aġenzija tista' wkoll **tipprovdi lill-Istati Membri bl-għajnuna neċessarja għall-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' ritorn konġunti.**

Għalkemm diġà kkontribwixxiet fl-organizzazzjoni ta' 9 operazzjonijiet ta' dan it-tip, l-Aġenzija għandha tkun assoċjata aħjar ma' l-ippjanar u l-organizzazzjoni ta' dawn it-titjiriet ta' ritorn konġunti u maċ-ċensiment tal-bżonnijiet rigward dawn l-operazzjonijiet.

***Mistoqsija** : kif nistgħu nottimizzaw il-kontribuzzjoni tal-FRONTEX fil-kuntest ta' dawn l-operazzjonijiet ta' ritorn?*

III. VIŻJONI FUQ MEDDA TWILA TA' ŻMIEN :

FRONTEX se tkun tikkostitwixxi element essenzjali - jekk mhux ċentrali - ta' l-iżvilupp fuq medda twila ta' żmien ta' l-istrateġija integrata tal-fruntieri ta' l-Unjoni. Permezz ta' approċċ gradwali u ta' tisħiħ progressif tal-kapaċitajiet tagħha, hija tista' ġġib magħha valur miżjud reali lill-benefiċċju tas-sistema Schengen globali, partikolarment fil-kuntest tal-***miżuri li huma s-suġġett ta' koperazzjoni mal-pajjiżi terzi***, billi tiżgura koerenza bejn l-attivitajiet tagħha u l-kuntest globali tal-politika esterna.

Mistoqsija *: peress li l-mandat tagħha huwa limitat, kif tista' iktar lil hinn fiż-żmien twettaq proġetti pilota li l-benefiċjarji tagħhom ikunu pajjiżi terzi?*

Diġà ġew stabbiliti modalitajiet ta' kollaborazzjoni u ta' koperazzjoni ma' l-awtoritajiet Russi, Ukranjani u Żvizzeri, u dawn jipproduċu riżultati eċċellenti, filwaqt li numru tajjeb ieħor ta' proġetti pilota qed jiġu nnegozjati. Huwa meqjus bħala neċessità t-tisħiħ tal-koperazzjoni bejn l-Aġenzija FRONTEX u l-pajjiżi li għandhom perspettiva ta' sħubija fl-Unjoni, kif ukoll ma' pajjiżi terzi meqjusa bħala problematiċi fil-qafas ta' l-operazzjonijiet konġunti u ta' l-analiżi tar-riskji effettwati mill-Aġenzija. Iżda għad hemm pajjiżi li għadhom jirreżistu, u mhumiex fost l-inqas pajjiżi importanti...

Mistoqsija : *kif tista' tittejjeb il-koperazzjoni mal-pajjiżi terzi meta din tkun ineżistenti jew insuffiċjenti?*

Fir-rigward tal-**miżuri fil-fruntieri**, FRONTEX twettaq b'mod parallel ir-riflessjoni tagħha dwar il-kunċett ta' "one-stop shop" li jgħaqqad fih l-awtoritajiet doganali u s-servizzi ta' kontroll fil-fruntieri, mingħajr madankollu ma tieqaf twettaq iċ-ċensiment ta' l-aħjar prattika adottata fil-qasam tal-koperazzjoni bejn organi kompetenti jew fil-qafas tal-proġetti pilota li jkunu rnexxew l-iktar.

L-element essenzjali tal-kontribuzzjoni se jirrepeti ruħu fil-parteċipazzjoni tagħha fit-tfassil ta' l-EUROSUR (deċiż mill-Kunsill fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2006), ibbażat fuq il-fruntieri esterni fin-nofsinhar u fil-Lvant ta' l-Unjoni, u li l-ewwel prijorità tiegħu għandha tkun l-integrazzjoni tal-mezzi kollha ta' sorveljanza marittima sabiex jitwettqu bl-aħjar mod possibbli l-kompiti li ġew assenjati lilu : it-tnaqqis fin-numru ta' immigranti illegali li jirnexxielhom jidħlu fit-territorju ta' l-UE, it-tisħiħ tas-sigurtà interna fit-totalità tagħha permezz tal-kontribut tiegħu fil-ġlieda u l-iżmantelliment tal-kriminalità transkonfinali, u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' riċerka u ta' salvataġġ biex jissalvaw iktar ħajjiet (fit-tliet każijiet, is-suċċess ta' l-EUROSUR jeħtieġ l-involviment sħiħ tal-pajjiżi terzi kkonċernati, partikolarment dawk tal-parti tan-Nofsinhar ta' madwar il-Mediterran, li fihom isseħħ il-parti l-kbira tal-pressjoni migratorja lejn l-Unjoni Ewropea).

L-ikbar sfida fil-fatt hija li jiġu kkoordinati aħjar l-infrastrutturi ta' sorveljanza eżistenti u li jiġu estiżi minn dak li jkopru bħalissa, li ma jinkludix parti miz-zoni fejn l-operazzjonijiet għandhom iseħħu, sabiex jinkiseb għarfien perfett tas-sitwazzjoni reali u attwali u tiżdied il-kapaċità ta' reazzjoni tas-servizzi repressivi u/jew ta' għajnuna.

Mistoqsijiet :

- *kif għandhom jinbdew mingħajr dewmien l-aġġornament tas-sistemi nazzjonali ta' sorveljanza u l-interkonnessjoni tagħhom man-netwerk?*

- *m'għandniex inħeġġu b'mod immedjat ir-riċerka u l-iżvilupp sabiex jipprivileġġjaw l-applikazzjonijiet komuni fil-qasam tal-perfezzjonament u ta' l-innovazzjoni ta' l-għodda ta' sorveljanza?*

- *lil min għandu jiġi attribwit il-ħolqien ta' ambjent komuni ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, sabiex jiġu ottimizzati l-ġbir, l-analiżi u t-tixrid ta' din id-dejta delikata?*

Jidher fil-fatt li kemm il-FRONTEX kif ukoll l-EUROSUR se jkunu rivelaturi tas-**solidarjetà operattiva** indispensabbli bejn l-Istati Membri, li l-espressjoni attiva tagħha biss tista' tippermetti li jiġu kanalizzati r-riżorsi lejn is-setturi tal-fruntieri esterni li jippreżentaw l-iktar bżonnijiet importanti.

Fir-rigward tal-kwistjoni tal-ħolqien ta' korp reali Ewropew ta' persuni li jħarsu l-fruntieri, din ma tistax tiġi deċiża ħlief wara li jittieħdu l-ewwel lezzjonijiet dwar it-tħaddim ta' l-Aġenzija, għaliex għalkemm huma leġittimi l-kwistjonijiet tat-titjib tas-sistema attwali ta' tqassim tar-riżorsi fis-setturi kkonċernati u t-tħassib ta' x'inhu l-iktar vantaġġjuż mill-mekkaniżmi attwali, huwa opportun li minbarra d-dimensjoni strettament politika ta' ħolqien bħal dan, jittieħed kont tal-fatt li l-Istati Membri ta' l-Unjoni diġà għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom 450,000 persuna għall-ħarsien tal-fruntieri.